*12 ta' Ottubru, 2011*

95/2011

**IL-ĦIDMA SOĊJALI TAL-KNISJA F'MALTA**

***PRESS TOUR* FID-DAR TAL-ANZJANI SANT'ANNA**

Wieħed mill-oqsma soċjali li fiħ il-Knisja toffri servizz u li għalih jinħareġ sussidju sostanzjali huwa dak tal-anzjani, b'responsabbiltà diretta ta' ħames djar li fihom jgħixu madwar 303 residenti. Minbarra dawn id-djar, hemm 9 djar oħra li jitmexxew mill-ordnijiet reliġjużi u li fihom jgħixu madwar 359 residenti.

Dar Sant' Anna hija waħda mid-djar tal-anzjani li taqa' taħt ir-responsabbilta' diretta tal-Arċidjoċesi. Din id-dar tilqa' fiha 32 anzjan li 33% minnhom huma dipendenti kwazi għal kollox. Biex topera, Dar Sant' Anna tħaddem 16-il persuna fuq bażi full-time/part-time u toffri wkoll servizz ta' nursing kontinwu. Il-miżati li jħallsu ir-residenti jvarjaw minn minimu ta' €15-il sa massimu ta' €30 kuljum. Dawn il-miżati ma jinbidlux skond il-kundizzjoni ta' saħħa u d-dipendenza tar-residenti, anke jekk din tinbidel wara li l-anzjani jkunu daħlu fid-dar.

Minħabba limitazzjonijiet finanzjarji, l-amministrazzjoni ta' Dar Sant' Anna qed iżżomm lura milli tidħol għal proġett ta' *refurbishment* ta' *flatlette* li għandha biswit id-Dar biex tkun tista' tilqa' aktar anzjani. Dan il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa aktar minn €32,000.

Illum Dar Sant' Anna tista' tkompli topera grazzi għas-sussidju mill-Fond Ċentrali tal-Knisja f'Malta, li bejn is-snin 2008 u 2010 kien ta' mhux anqas minn €171,000.

**FATTI DWAR ID-DJAR TAL-ANZJANI TAL-ARĊIDJOĊESI**

- Id-Djar tal-anzjani li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' diretta tal-Arċidjoċesi huma:
  - Casa Leone, San Ġiljan (75 anzjan)
  - Dar Saura, ir-Rabat (65 anzjan)
  - Dar Sagra Familja, in-Naxxar (86 anzjan)
  - Dar Sant' Anna, l-Isla (32 anzjan)
  - Dar tal-Kleru, Birkirkara (45 anzjan)

- F'dawn id-djar tal-anzjani:
  - jgħixu 303 residenti
  - jaħdmu 233 ħaddiem (full-time/part-time)

- L-iktar spejjez għoljin f'dawn id-djar huma:
  - Il-pagi tal-ħaddiema u professjonisti (68% tal-ispejjeż totali)
  - L-ikel (10%)
  - Id-dawl u l-ilma (8%)

- Fil-perijodu 2001 – 2010 il-Fond Ċentrali tal-Arċidjoċesi ħareġ aktar minn €2,600,000 f'sussidju biex jinżammu miftuħa dawn id-djar tal-anzjani.